MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2010

Numru 619/2007

Il-Pulizija
(Spettur Johann J Fenech)

vs

Donna Callus

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputata ta’ karta ta’ identita’ numru 117791M, akkuzata talli fil-15 ta’ April 2007 ghal habta tal-05:00 a.m. fi Triq San Patrizju, Birzebbuga:

1. bil-hsieb li tikkaguna ferita’ ta’ natura gravi fuq il-persuni ta’ PC94 J. Farrugia u PC1227 M. Pace, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta’ taghha;

2. ikkagunat feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ PC94 u PC1227, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, skond kif iccertifika Dr. M. Tufigno M.D. mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid.
3. attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xort’ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC94, PC1227 u WPC263 G. Gambin, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti.
4. ingurjat jew heddet jew ghamlet offiza fuq l-istess PC94 u PC1227, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
5. volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tikskorrix l-ghaxar Liri Maltin (Lm10), ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;
6. m’obditx l-ordnijiet tal-Awtorita’ jew ta’ persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliethomx jew fixklithom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahlet fi dmirijiethom, billi ma hallitx lil haddiehor jaghmel dak li b’Ligi kien ordnat jew seta’ ghamel, jew billi gabet fix-xejn jew hassret dak li haddiehor kien ghamel skond il-Ligi.
7. bil-lejl kisret il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b’mod iehor.

Il-Qorti mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti ta’ l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta’ ta’ PC94 J. Farrugia, PC1227 M. Pace u WPC263 G. Gambin.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Resokont tal-fatti fil-qosor huma illi l-imputata fil-gurnata tal-incident kienet mal-gharus taghha li kien qieghed isuq il-vettura tieghu b'mod li l-Pulizija dehrilhom li s-sewqan tieghu kien errat. B'konsegwenza huma twaqqfu mill-Pulizija u l-akkuzi nhargu minhabba l-allegat agir aggressiv taghha fil-konfront tal-Pulizija.

Ezaminati l-akkuzi relattivament il-provi l-ewwel akkuza li titratta l-attentat ta' ferita' gravi ma tirrizultax u lanqas ma tirrizulta l-ahhar akkuza li titratta l-offiza kontravenzjonali tal-ksur tal-bon ordni. L-akkuzi l-ohra però jirrizultaw.

Rat ghalhekk l-Artikolu 221, 96, 95, 325(d), 338(ee) u 17 tal-Kap 9.

Ikkonsidrat l-fedina penali netta taghha kif ukoll l-Artikolu 37 tal-Kap 9 stante l-eta' minorenni tal-imputata fiz-zmien il-kommissjoni tar-reati.

Tiddeciedi li: - issib l-imputata hatja tat-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt akkuza izda mhux ukoll tal-ewwel u s-seba' li minnhom tilliberaha.

- tilliberaha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sena mill-lum sakemm ma taghmilx reat iehor f'dan il-perjodu.
- tikkundannaha €30 ammenda fuq is-sitt akkuza pagabbli mhux aktar tard minn xahar mill-lum.

Dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 338 et seq tal-Kap 9 qeghdha tastjeni l-applikazzjoni taghhom billi mhux qeghdha tirriskontra l-bzonn.

Altrimenti qeghdha tfehem lill-imputata r-responsabbilitajiet taghha skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------